Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru XXII tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581.

ACT No. XXII of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Gender-Based Violence and Domestic Violence Act, Cap. 581.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

5 ta' Lulju, 2024

ATT Nru XXII tal-2024

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 581.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza u l-Ministru responsabbli mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali jistgħu, b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxu u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Konvenzjoni" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""Bord tal-MARAM" tfisser Multi-Agency Risk

Verżjoni Elettronika

Assessment Meeting Board li jiltaqa' sabiex jidduskuti l-każijiet ta' vjolenza domestika li jitqiesu bħala ta' riskju għoli;"

(b) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

""Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-ugwaljanza:

Iżda fir-rigward tal-Bord tal-MARAM, il-Ministru għandu jfisser il-Ministru responsabbli mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali;".

Sostituzzjoni tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

20. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jimplimenta u biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jippreskrivi kull ħaġa li għandha ssir jew li tista' tiġi preskritta u jista' jipprovdi għal kwalunkwe ħaġa konsegwenzjali, inċidentali għal, jew konnessa mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Il-Ministru responsabbli mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali jista' jagħmel regolamenti sabiex jimplimenta u biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fir-rigward tal-Bord tal-MARAM, u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jippreskrivi kull ħaġa li għandha ssir jew li tista' tiġi preskritta u jista' jipprovdi għal kwalunkwe ħaġa konsegwenzjali, inċidentali għal, jew konnessa mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fir-rigward tal-Bord tal-MARAM.".

Verżjoni Elettronika

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 253 tal-1 ta' Lulju, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati